# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 34

It-Tlieta, 13 ta' Lulju, 2010

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fl-4.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri, Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

Il-Kunsillieri Azzopardi informa li kien ser ikun xoghol filwaqt li l-Kunsillier Borg infurmat li kienet rikoverata l-isptar.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 33 li saret nhar it-Tlieta, 15 ta' Gunju, 2010 kienu konfermati.

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***Arbli tal-festi***
Ghalkemm kien hemm oggezzjoni mill-RPO sabiex jitwahhlu arbli tal-festa go tappieri ezistenti fi Pjazza San Gorg, il-Kunsill ma sabx oggezzjoni biex dawn jintuzaw mill-festi, in vista wkoll li dawn tpoggew fil-post fejn jinsabu wara diskussjonijiet mal-kumitati tal-festi.

***Malta Week***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien tkellem mal-Kunsillier Buontempo u qed jara lil min jista' jinvolvi.

## QUARTERLY FINANCIAL REPORT

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta u ta spjega tal-Quarterly Financial Report ghall-perjodu Jannar-Marzu 2010. Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport.

Waqt id-diskussjoni li saret, is-Sindku nforma lill-Kunsill li minhabba x-xoghol li ghaddej bhalissa fuq il-progett ta' pavimentar tal-Belt, ser ikun difficli li matul din is-sena jinfethu aktar toroq minhabba l-problema ta' cirkolazzjoni u immanigjar tat-triffiku fil-Belt. Ghaldaqstant, issugerixxa li l-ammont ta' flus allokat fil-budget sabiex isir resurfacing ta' Triq San Pawl jintuza sabiex isir il-progett ta' Mattia Preti.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li inizjalment kien hemm oggezzjoni minn Transport Malta dwar dan il-progett minhabba li t-toroq tal-gnub tal-pjazza kienu ser jinfethu biex minnhom ikun hemm cirkolazzjoni tat-traffiku wara li jibda l-progett ta' Bieb il-Belt.

Ghalhekk saru t-tibdiliet mehtiega fil-pjanti li regghu gew sottomessi lill-MEPA.

## RESTAWR TA' NICEC – MEMO 21-2010

Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill kien inghata €13,000 mill-iskema ta' finanzjament ghar-restawr ta' postijiet storici zghar.

Il-Kunsill applika sabiex jigu restawrati madwar tmien nicec u statwi li l-istima globali kienet ta' €16,500. Ghaldaqstant, informa lill-Kunsill li kienet hierga sejha ghall-offerti ghal dan il-ghan.

## KORRISPONDENZA

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar lill-Kunsill dwar Memo 73-2010 dwar inizjattiva premju lokalitajiet indaf u biex min ikollu ideat relatati ma' din l-inizjattiva jghaddihom lill-Kunsill immedjatament;

- Il-Kunsill ma kellux oggezzjoni li fl-okkazzjoni ta' l-Ordinazzjoni ta' Brother fil-knisja ta' San Duminku, tinghalaq Triq San Duminku minn Triq Merkanti sabiex in-nies li ser jattendu ghal festin f'din l-okkazzjoni juzaw parti mit-triq;

- Dwar it-talba ta' ZOO li regghu talbu biex il-parkegg riservat quddiem it-Teatru fi Triq l-Ifran ikun Keep Clear matul il-gurnata kollha, il-Kunsill baqa' jsostni l-pozizzjoni tieghu u cioe` li l-parking bay quddiem it-Teatru tkun Keep Clear waqt li jkun hemm biss xi attivita`;

- Fuq talba ta' Transport Malta sabiex issir Blue Sticker Badge Holders Parking bay f'Lascaris Wharf, il-Kunsill issugerixxa li tittiehed bay minn dawk riservati ghal Breast Screening Clinic;

- Il-Kunsill qabel li jsir double yellow line quddiem 18, Triq Mikiel Anton Vassalli, minhabba li qed isir parking fuq il-bankina u li qed jimpedixxi l-access fid-dar ta' dan l-anzjan;

- Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar lill-Kunsill dwar il-konferenza ECAD li ser issir f'Ghawdex bejn it-23 u l-25 ta' Settembru;

- Dwar talba mill-Ghaqda tal-Pawlini sabiex il-Kunsill jikri imwejjed u siggijiet ghal attivita` li ser issir mill-ghaqda, il-Kunsill ra li dan mhux permess bil-Ligi u ssugerixxa li ssir laqgha ma' l-ghaqdiet tal-festi wara li jghaddu l-festi kollha tal-Belt;

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet intbghatet ittra lir-residenti tal-Progett ta' City Gate dwar it-talba tal-Kunsill lil TM sabiex isir parkegg riservat ghar-residenti fl-area ta' Triq l-Ordinanza, kif ukoll dwar uzu ahjar tat-tarag ta' City Gate.

## KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***Marki tat-toroq***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq il-pavimentar il-gdid mhux ser isiru marki taz-zebgha izda ser issir prova b'marki tal-metall. Fost dawn hemm Triq San Kristofru fejn bhalissa hemm problema bil-parkegg minhabba li m'hemmx sinjali fit-triq u l-Pulizija qed tinsisti li tharrek lil kulmin jipparkja b'parti tal-karozza fuq il-bankina.

***Studenti***

Is-Sindku informa lill-Kunsill li taht skemi differenti, il-Kunsill se jkollu studenti waqt il-perjodu tas-Sajf.

***Summer School***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Summer School ser tibda l-gimgha ta' wara u l-Kunsillieri huma mistiedna jattendu jsegwu l-attivitajiet.

***Zjara mis-Segretarju Parlamentari Chris Said***
Is-Sindku fakkar li nhar il-Gimgha, 30 ta' Lulju, is-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said kien ser izur xoghol li qed isir mill-Kunsill u jiltaqa' ma NGO's mil-lokal.

## MISTOQSIJIET

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

## AWTORIZAZZJONI GHALL-IFFIRMAR TA' L-ORDNIJIET GHAL HLASIJIET

Il-Kunsill awtorizza l-iffirmar ta' l-ordnijiet ghal hlasijiet kif imnizzla fil-lista annessa.

Qabel tmiem is-Seduta il-Kunsillier Farrugia informa lill-Kunsill li kien attenda numru ta' attivitajiet li kienu parti mill-programm li saru ghaz-zghazagh fl-iskambju ma' zghazagh mill-Islanda. Huwa qal li kien thejja programm interessanti hafna u mill-kummenti li kellu mill-partecipanti Islandizi infurmawh li kienu sabu aktar milli stennew.

Il-Kunsillier Farrugia nforma wkoll lill-Kunsill li s-Sinjuri Gabriella Agius, Antoine Farrugia, Charles Bone, Vince Fabri u Daniel Frendo flimkien mieghu kienu ser jiffurmaw is-Sotto Kumitat tal-Kultura fi hdan il-Kunsill.

## TMIEM

Fis-6.00pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku